

32002R0780

L 123/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.5.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 780/2002

tat-8 ta' Mejju 2002

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3063/93 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 fir-rigward ta' l-iskema ta' għajjnuna għall-produzzjoni ta' għasel ta' kwalità speċifika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li introduċa miżuri speċifiċi għall-gżejjer iż-żgħar ta' l-Eġew li jikkonċernaw ċerti prodotti agrikoli⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 442/2002⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2019/93 jintroduċi skema għall-gżejjer iż-żgħar ta' l-Eġew ta' għajjnuna għal doqqajs għall-produzzjoni ta' għasel ta' kwalità speċifika. L-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 442/2002, issa jirreferi għall-“għaqdiet ta' min irabbi n-naħal”, għalhekk it-terminoloġija użata fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3063/93⁽³⁾ trid tiġi emendata.
- (2) Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 3063/93 jiġi aġġornat, id-derogi għall-1993 li jirrigwardaw id-dati għall-applikazzjonijiet għall-għajjnuna u ħlasijiet, u fuq innotifikazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar informazzjoni ta' kemm għajjnuna għet imħallsa, u tal-perċentwali ta' applikazzjonijiet għall-għajjnuna li ġew iċċekkjati fuq il-post, għandhom jiġu mħassra.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 3063/93 għandu għalhekk jiġi emendat.
- (4) Il-miżuri li hemm maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru. 3063/93 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“L-Artikolu 1

Għandha tiġi mogħtija għajjnuna għall-gżejjer iż-żgħar ta' l-Eġew lill-għaqdiet ta' min irabbi n-naħal li huma aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti għall-produzzjoni ta' għasel ta'

kwalità speċifika li jkun fih proporzjon kbir ta' għasel tas-sagħtar; dawn l-għaqdiet iridu jwettqu programmi kull sena ta' inizjattivi biex itejjbu l-kondizzjonijiet li bihom jikkum-merċjalizzaw u jirreklamaw l-għasel ta' kwalità.”

2. L-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 2(2) tinbidel b'dan li ġej:

“Il-programmi għandhom jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni lill-awtorità Griega mill-għaqdiet ta' dawk li jrabbu n-naħal.”

3. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni subparagrafu ta' paragrafu 1 jiġi mħassar;

(b) l-ewwel inċiż ta' paragrafu 2 jiġi mibdud b'dan li ġej:

“— l-isem u l-indirizz ta' l-għaqda ta' dawk li jrabbu n-naħal, jew l-isem, kunjom u indirizz tal-persuna li trabbi n-naħal.”

4. It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 4 jiġi mħassar.

5. L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel paragrafu, l-ewwel u t-tieni inċiżi jiġu midbula b'dan li ġej:

“— in-numru ta' l-għaqdiet ta' min irabbi n-naħal u n-numru ta' persuni li jrabbu n-naħal individwalment li bagħtu applikazzjoni għall-għajjnuna,

— in-numru ta' doqqajs li għalihom tkun intbagħtet applikazzjoni għall-għajjnuna kemm minn għaqdiet ta' min irabbi n-naħal kif ukoll minn persuni li jrabbu n-naħal individwalment, fejn l-għajjnuna tkun għet mogħtija.”;

(b) it-tieni paragrafu jiġi mħassar.

6. It-tieni sentenza fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6(2), tiġi mħassra.

7. L-Artikolu 8 jiġi mħassar.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 184, tas-27.7.1993, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 68, tat-12.3.2002, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 274, tas-6.11.1993, p. 5.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Mejju 2002.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni
